Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi



## "Joktor il-ħażen, u għalhekk l-imħabba tibred f'ħafna" (Mt 24:12)

... L-imħabba tibred ukoll fil-komunitajiet tagħna: fl-Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium* ippruvajt infisser **is-sinjali l-iżjed ċari ta' dan in-nuqqas ta' mħabba**. Dawn huma: l-għażż egoista, il-pessimiżmu sterili, it-tentazzjoni li niżolaw ruħna u li nimpenjaw ruħna fi gwerer kontinwi li joqtlu l-aħwa, il-mentalità mondana li twassalna biex nagħtu kas biss ta' dak li jidher minn barra, u hekk iġġib fix-xejn il-ħeġġa missjunarja.

**X'għandna nagħmlu?**
Jekk ġewwa fina u madwarna naraw dawn is-sinjali li għadni kif fissirt, araw kif il-Knisja, omm u għalliema tagħna, flimkien mal-mediċina, kultant morra, tal-verità, toffrilna f'dan iż-żmien tar-Randan ir-rimedju ħelu tat-talb, tal-karità u tas-sawm.

Jekk **niddedikaw iktar ħin għat-talb**, inħallu l-qalb tagħna tiskopri l-gideb sigriet li bih inqarrqu bina nfusna, biex nistgħu saflaħħar infittxu l-faraġ ta' Alla. Hu Missierna u għalina jixtieq il-ħajja.

**It-tħaddim tal-karità jeħlisna mir-regħba** u jgħinna niskopru li l-persuna l-oħra hi ħuna u oħtna: dak li għandi qatt ma huwa tiegħi waħdi. Kemm nixtieq li l-karità tinbidel għal kulħadd f'veru stil ta' ħajja!...

**Is-sawm, fl-aħħar nett, idgħajjef il-vjolenza tagħna**, iżarmana, u hu okkażjoni importanti biex nistgħu nikbru. Minn naħa, jippermettilna nduqu dak li għaddejjin minnu dawk li jonqoshom imqar l-iktar meħtieġ u jafu x'inhu l-qrid ta' kuljum minħabba l-ġuħ; min-naħa l-oħra, jesprimi l-qagħda tar-ruħ tagħna, imġewħa għat-tajjeb u għatxana għall-ħajja ta' Alla. Is-sawm iġibna f'sensina, jagħmilna iżjed attenti għal Alla u għall-proxxmu, jerġa' jqajjimna għar-rieda li nobdu lil Alla li, waħdu, jista' jaqtal-ġuħ tagħna.

**Nixtieq li l-leħen tiegħi jasal lil hemm mill-konfini tal-Knisja Kattolika**, biex jilħaq lilkom ilkoll, bnedmin ta' rieda tajba, miftuħa biex tisimgħu lil Alla.... **(Silta mill-Messaġġ tal-Papa għar-Randan 2018)**

## Appuntamenti mid-Djarju...

**Adorazzjoni mmexxija mill-Moviment Ewkaristiku Għawdxi**
3 ta' Marzu - Kappella tal-Madonna tal-Karmnu, Ta' Ħamet, ix-Xewkija
10 ta' Marzu - Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, tac-Ċawla, r-Rabat
17 ta' Marzu - Kappella tal-Oratorju Don Bosco, r-Rabat
24 ta' Marzu - Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat
31 ta' Marzu - Sibt il-Għid - Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur (Din tibda fl-10.30pm. Ikun hemm quddiesa waħda biss f'nofsillejl.)
*L-iljieli kollha (barra tal-31 ta' Marzu) jibdew b'quddiesa fit-8pm u jkun hemm quddiesa oħra f'nofsillejl.*

**Via Crucis Djoċesana fuq il-Għolja ta' Għammar**: Il-Ħadd 18 ta' Marzu 2013 fl-4.00pm

**Il-5 Anniversarju mill-elezzjoni ta' Papa Franġisku** (*13 ta' Marzu*)
Nitobu għall-Papa, il-Missier spiritwali tagħna.

**Obolo ta' San Pietru** – Ġabra għall-karità li jmexxi l-Papa (*fil-quddies kollu tal-Ħadd 18 ta' Marzu*)

Il-Ħadd 25 ta' Marzu nibdew flimkien il-**Ġimgħa Mqaddsa**

**Dħul fl-ewwel sena tal-iskejjel sekondarji tal-Knisja**
Reġistrazzjoni: it-Tnejn u t-Tlieta, 12 u 13 ta' Marzu, mit-8.00am sa nofsinhar, fl-iskejjel rispettivi tas-Seminarju u tal-Konservatorju tal-Isqof.

## *It-talb hu dawl spiritwali*

It-talb u taħdit ma' Alla huma ġid mill-aqwa; bihom il-bniedem jissieħeb u jingħaqad ma' Alla. Bħalma d-dawl idawwal l-għajnejn tal-ġisem meta jarawh, hekk id-dawl sabiħ ta' Alla jdawwal ir-ruħ meta tħares lejn Alla. **Qiegħed ngħid għal dak it-talb li jsir mhux qisu drawwa imma joħroġ mir-ruħ**; talb li mhux marbut ma' din is-siegħa jew dak il-ħin, iżda li jsir lejl u nhar bla ma jaqta'.

Għax aħna jeħtiġilna nduru bl-ispirtu tagħna lejn Alla mhux biss waqt li niġbru ħsibijietna fit-talb imma wkoll xħin inkunu medhija fuq dmirijietna, waqt li nkunu nħabirku għal dawk li huma fil-bżonn, jew inkunu mħabbta bi ħtiġiet u ħidmiet oħra ta' fejda u ta' ġid; jeħtieġ li f'ħinijiet bħal dawn ukoll **indaħħlu x-xewqa u t-tifkira ta' Alla fil-ħidmiet tagħna, bħalma nixħtu l-melħ fl-ikel, biex l-imħabba ta' Alla tagħtihom bħal togħma tajba**, u hekk noffruhom lil Sid il-ħolqien bħal ikel mill-aħjar. B'danakollu, aktar ma nagħtu ħin lit-talb aktar nistgħu ngawdu l-frott kbir tiegħu tul ħajjitna kollha.

**It-talb hu dawl spiritwali, jurina tassew x'inhu Alla, huwa pont bejnna u bejn Alla**. Permezz tiegħu l-ispirtu tagħna jintrefa' 'l fuq lejn is-sema; bih ningħaqdu mal-Mulej bi tħaddina l-aktar ħelwa; **bih inkunu qisna tarbija ssejjaħ 'l ommha bid-dmugħ f'għajnejha, imxennqin kif aħna għall-ħalib tas-sema**. Bit-talb nuru xewqatna lil Alla, u hu jagħtina grazzji wisq aqwa minn kull don naturali tal-art.

It-talb huwa mezz qaddis li jorbotna ma' Alla, ifawwarna bil-ferħ, iġib l-hena fil-ġibdiet tagħna. Dan **it-talb li qiegħed insemmi mhuwiex il-kliem li ngħidu imma huwa x-xewqa ta' Alla**, huwa dik id-devozzjoni li ma ssibx kliem biex tfissirha, miżrugħa fina mhux b'xi ħila tagħna imma għax jagħtihielna Alla bi grazzja tiegħu; huwa dak it-talb li jsemmi l-Appostlu meta jgħid: aħna anqas biss nafu x'għandna nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem.

Talb ta' din ix-xorta, jekk Alla jogħġbu jagħtihulna, huwa ġid kbir li mhux ta' min jitilfu; huwa ħobż tas-sema li bih ruħna timtela sax-xaba'; min iduqu jitkebbes għal dejjem bix-xewqa tal-Mulej, bħal b'nar ta' qawwa kbira jħeġġeġ lir-ruħ.

Int, mela, int u tibni d-dar spiritwali tiegħek, bajjadha l-ewwelnett bil-modestja u l-umiltà; dawwalha bid-dija tal-ġustizzja; l-għemejjel tajba tiegħek ikunu l-pjanċi ta' deheb fin li tiksiha bihom; il-fidi u l-qawwa tar-ruħ ikunu l-ħitan u l-imrammi li ssaħħaħha bihom; imma fuq kollox, **saqqaf id-dar tiegħek bit-talb**, u hekk tkun temmejt u ħejjejt darek għall-Mulej biex tista' tilqgħu qisu f'palazz mill-isbaħ ta' sultan u bil-grazzja tiegħu żżommu f'ruħek bħal ġo santwarju ta' tempju. **(Mill-Omiliji ta' San Ġwann Kriżostmu)**

| | |
|---|---|
| 1. Il-Ħamis | Jum ta' Adorazzjoni Ewkaristika għall-vokazzjonijiet (Kappella tas-Seminarju - 7am-8pm).<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr.4 (ST) / It-12-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 2. Il- Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti (Santu Wistin, Victoria - 8.00pm).<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (KDF - 8.00pm) / It-13-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 3. Is- Sibt | L-ewwel Sibt tax-xahar / L-14-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes / Ċenaklu AK (4.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **4. Il-Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tar-Randan (Sena B).**<br>Il-15-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco) |
| 5-9 | Eżerċizzi għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria (8.00pm). |
| 5. It-Tnejn | Jittellgħu l-Poloz għall-Kinder 1 tal-iskejjel tal-Knisja (Sala tas-Seminarju - 10.00am) |
| 6. It-Tlieta | AKSK(Kons.Sek.). |
| 7. L-Erbgħa | Santa Perpetwa u Santa Feliċita, Martri. Tifkira .<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Sports għall-istudenti tal-iskejjel Primarji tal-Knisja. |
| 8. Il-Ħamis | San Ġwann ta' Alla, Reliġjuż. Tifkira.<br>Jum internazzjonali tan-Nisa (GM) u Jum Kliewi (GM.<br>Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.5 tal-Iskejjel tal-Knisja (ST).<br>Mixja tat-thejjija għaż-Żwieġ u għall-Ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 9. Il- Ġimgħa | Santa Franġiska Rumana, Reliġjuża. Tifkira. |
| 10. Is- Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **11. Il-Ħadd** | **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan (Sena B).**<br>Festa ta' San Girgor il-Kbir (Parroċċa Kerċem).<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 12. It-Tnejn | Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Form 1 fl-iskjjel tal-Knisja. |
| 13. It-Tlieta | Il-5 Anniversarju mill-elezzjoni tal-Papa Franġisku.<br>Laqgħa Complimentary Teachers (ST).<br>Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Form 1 fl-iskjjel tal-Knisja. |
| 14. L-Erbgħa | Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II -7.30pm). |
| 15. Il-Ħamis | Laqgħa Għalliema Yr.6 (ST). |
| 16. Il-Ġimgħa | Pellegrinaġġ Randan għall-istudenti għall-iskejjel Primarji tal-Knisja. |
| 17. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **18. Il-Ħadd** | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan (Sena B).**<br>Obolo ta' San Pietru / **Via Crucis Djoċesana fuq il-Għolja ta' Għammar (4.00pm).**<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 19. It-Tnejn | San Ġużepp Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija. Solennità.<br>Jum il-Papa: il-5 Anniversarju mill-bidu tal-Pontifikat ta' Papa Franġisku.<br>Via Sagra għat-tfal (Azzjoni Kattolika). |
| 19-22 | Eżerċizzi tar-Randan għall-persuni separati fl-Istitut tal-Familja Ġwanni Pawl II. |
| 21. L-Erbgħa | Jum Internazzjonali biex titneħħa d-Diskriminazzjoni Razzjali (ĠM) / KKSK (Sta. Tereża). |
| 22. Il-Ħamis | Jum Dinji tal-Ilma (GM).<br>Mixja tat-thejjija għaż-Żwieġ u għall-Ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 23. Il-Ġimgħa | Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri. Festa tad-devozzjoni-Purċissjoni fil-Parroċċi.<br>Jum ta' Talb u Sawm b'tifkira tal-Missjunarji Martri. |
| 24. Is- Sibt | Via Crucis, Ikla tal- Mulej (Leġjun ta' Marija).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl).<br>Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati fil-(Parroċċa tan-Nadur - 6.30pm). |
| **25. Il-Ħadd** | **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.** Jum iż-Żgħażagħ<br>Is-16-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 26. It-Tnejn | Servizz Penitenzjali għall-Kleru. |
| 27. It-Tlieta | Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. |
| 28. L-Erbgħa | L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. |
| 29. Il-Ħamis | **Ħamis ix-Xirka.**<br>Fil-Katidral issir il-**Quddiesa tal-Griżma** li fiha jitbierku ż-żjut Imqaddsa u s-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali tagħhom (9.00am)<br>Ikla għas-Saċerdoti kollha tad-djoċesi (Sala tas-Seminarju, Victoria. 11.30am)<br>Fil-għaxija fil-knejjes issir it-**Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej**. Issir **Ġabra għad-Djoċesi.** |
| 30. Il-Ġimgħa | **Il-Ġimgħa l-Kbira** (obbligu tas-Sawm u l-Astinenza).**Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej**.<br>Visti lis-7 Knejjes lir-residenti barranin mil-Leġjun ta' Marija. |
| 31. Is-Sibt | **Is-Sibt Qaddis tal-Għid**. Issir is-Sahra tal-Għid.<br>Jum il-Ħelsien. Festa Nazzjonali.<br>Is-Siegħa tal-Omm, Ċelebrazzjoni Marjana fis-Santwarju Ta' Pinu (9.00am).<br>Bil-lejl issir il-**Velja tal-Kbira tal-Għid**.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur: l-adorazzjoni tibda fl-10.30pm - Quddiesa f'nofsillejl). |